MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 275/2012

**_Dionisia_ magħrufa bħala Denise Spiteri**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-14 ta' Marzu 2012 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

**L-Oġġett tal-Kawża**

i. Illi din il-kawża qedgħa ssir għaliex ir-rikorrenti għandha nteress li jiġi korrett l-Att tat-Twelid tagħha kif ukoll l-Att taż-Żwieġ tagħha ma' Noel Mario Spiteri, kif ukoll l-Atti tat-Twelid ta' wliedha Loanne Kristina Spiteri, Sarah Louise Spiteri u Gabrielle Marie Spiteri;

## Ir-Raġuni għat-Talba

ii. Illi l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti li jġib in-numru progressiv 5430 tas-sena 1965, li huwa hawn esebit bħala Dokument "A" juri isimha mniżżel fil-ħames u s-sitt kolonna bħala Dionisia.

iii. Illi bħala fatt ir-rikorrenti kienet minn dejjem magħrufa kemm mill-familja tagħha kif ukoll minn ħbieb u qraba bħala "Denise" u mhux bħala "Dionisia", u hija stess dejjem użat l-isem "Denise". Dan ukoll huwa l-isem li hija magħrufa bih fin-negozju. F'dan ir-rigward qegħdin jiġu esebiti affidavits ta' Noel Spiteri, ir-raġel tar-rikorrenti, ta' Lorenza Camilleri, omm ir-rikorrenti, u Robert Cassar, awditur li jaf lir-rikorrenti mix-xogħol bħala dokumenti "B", "C" u "D";

iv. Illi fuq il-passaport tagħha r-rikorrenti hija kienet imniżżla bħala Denise Spiteri (Dok E), fuq il-liċenzja tas-sewqan bħala Dionisia *k/a* Denise Spiteri (Dok F), u fuq il-karta tal-identita' preżenti hija mniżżla bħala Dionisia *k/a* Denise (Dok G);

v. Illi hija għandha nteress illi kemm jista' jkun malajr, jiġi reġistrat l-isem Denise bħala isimha in sostituzzjoni ta' l-isem Dionisia li jidher fil-ħames u fis-sitt kolonna tal-Att tat-Twelid hawn esebit bħala Dok A;

vi. Illi *inoltre* hija għandha interess illi minflok l-isem "Dionisia" fit-tieni kolonna tal-Att taż-Żwieġ (bin-numru progressiv 1276 tas-sena 1989) li kopja tiegħu hi esebita u mmarkata bħala dokument "H", kif ukoll fit-tieni kolonna tal-Atti tat-Twelid ta' wliedha Sarah Louise Spiteri (bin-numru progressiv 3948 tas-sena 1993), Gabrielle Marie Spiteri (bin-numru 1535 tas-sena 1996) u Louanne Kristina Spiteri (bin-numru progressiv 1970 tas-sena 1999) (liema Atti tat-Twelid humahawn ukoll esebiti u mmarkati bħala Dokumenti "I", "J", "K"), jiġi mniżżel l-isem "Denise" u dana in sostituzzjoni għall-isem "Dionisia" li jidher fid-diversi dokumenti fil-kolonni riferiti;

## It-Talbiet

Għal dawn il-motivi r-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex *ai termini* tal-Artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

1. Din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li r-rikorrenti kienet konsistentement imsejha u magħrufa bl-isem 'Denise' u mhux 'Dionisia' kif hekk jidher fl-atti tal-istat ċivili rispettivi tagħha;

2. Din l-Onorabbli Qorti tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iwettaq korrezzjoni fl-Att tat-twelid tar-rikorrenti li jġib in-numru progressiv 5430 tas-sena tas-sena 1965 fil-ħames kolonna intestata "Ismijiet mogħtijin" kif ukoll fis-sitt kolonna intestata "Isem jew ismijiet li bih / bihom it-arbija għandha tiġi msejħa" billi jitneħħa l-isem "Dionisia" u jiġi sostitwit bl-isem "Denise";

3. Din l-Onorabbli Qorti tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iwettaq korrezzjoni fl-Att taż-Żwieġ bin-numru progressi 1276 tas-sena 1989 ta' bejn ir-rikorrenti u żewġha Noel Spiteri, billi fit-tieni kolonna jitneħħa l-isem Dionisia u jiġi sostitwit bl-isem Denise;

4. Din l-Onorabbli Qorti tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iwettaq korrezzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 3948 tas-sena 1993 ta' Sarah Louise Spiteri, billi fit-tieni kolonna jitneħħa l-isem Dionisia u jiġi sostitwit bl-isem Denise;

5. Din l-Onorabbli Qorti tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iwettaq korrezzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 1535 tas-sena 1996 ta' Gabrielle Marie Spiteri, billi fit-tieni kolonna jitneħħa l-isem Dionisia u jiġi sostitwit bl-isem Denise;

6. Din l-Onorabbli Qorti tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iwettaq korrezzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 1970 tas-sena 1999 ta' Louanne Kristina Spiteri, billi fit-tieni kolonna jitneħħa l-isem Dionisia u jiġi sostitwit bl-isem Denise;

Il-konvenut jibqa’ nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fit-3 ta’ April 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in linea preliminari* jingħad illi huwa meħtieġ li tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti salv pero’ li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f’għajnejn il-liġi;

3. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kienet omm ir-rikorrenti stess, Lorenza Camilleri, li kienet għamlet id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid *de quo* u kienet anke ffirmat li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Mejju 2012, il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi hija evidentement ġustifikata billi kif hija dejjem issejħet b' "**Denise**" u mhux "**Dionisia**". Pero' jidher ċar li l-konvenut ma jaħtix għall-iżball (jekk wieħed jista' jsejjaħlu hekk) u għalhekk m'għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti.**

**L-ispejjeż tal-kawża ikunu a kariku tal-attriċi stess.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------